



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2019
SWD(2019) 344 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009

{C(2019) 2125 final} - {SEC(2019) 334 final} - {SWD(2019) 343 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt għar-regolament li jstabilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhom l-problema li qed tiġi indirizzata?

Ir-Regolament eżistenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009 għal rekwiżiti tal-ekodisinn dwar il-muturi ("ir-regolament dwar il-muturi") jipprovdi kontribut sostanzjali għall-għanijiet tal-politika tal-UE fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, it-tibdil fil-klima u l-promozzjoni tas-suq uniku. Il-muturi koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament jikkonsmaw kważi terz tal-elettriku prodott fl-UE. L-effiċjenza enerġetika minima tagħhom hija regolata f'haġna ekonomiji ewlenin, inkluż fl-Asja, fil-Kontinent Amerikan u fl-Awstralja. Filwaqt li r-regolament eżistenti dwar il-muturi kellu impatt pożittiv konsiderevoli, il-progress teknoloġiku jirrikjedi li jsir aġġornament tar-rekwiżiti eżistenti abbażi tal-iżviluppi internazzjonali. Dan se jgħin lill-utenti aħħarin Ewropej jiksbu aktar iffrankar ekonomiku, jgħin lill-UE tilħaq il-miri tagħha fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima għall-2030 u jissalvagwardja l-kompetittività tal-UE. Barra minn hekk, ċerti kwistjonijiet speċifiċi li feġġew waqt l-implimentazzjoni tar-regolament dwar il-muturi, bħalma hi l-eliminazzjoni ta' lakuni regolatorji potenzjali, għandhom jiġu indirizzati simultanjament biex tiżdied l-effikaċja tiegħu.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-oġġettivi ġenerali tal-inizjattiva huma tiżgura ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sistemi b'muturi effiċjenti fis-suq uniku, li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, u li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija fl-Unjoni, li timplimenta l-ewwel prinċipju tal-effiċjenza enerġetika stabbilit fl-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija, u li tippromwovi l-kompetittività tal-industrija tal-muturi u tas-sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli (VSD) tal-UE. B'mod aktar speċifiku, l-inizjattiva hija maħsuba biex jinkiseb aktar iffrankar kosteffiċjenti tal-enerġija għal muturi li diġà huma fil-kamp ta' applikazzjoni billi jiġi aġġustat il-livell ta' ambizzjoni abbażi tal-iżviluppi internazzjonali u tekniċi, biex jinkiseb iffrankar kosteffiċjenti tal-enerġija għid għal muturi li attwalment mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni, biex jinkiseb aktar iffrankar kosteffiċjenti tal-enerġija permezz tar-regolazzjoni tas-sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli u finalment biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' eżenzjonijiet u ta' lakuni potenzjali.

X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-muturi li huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni huma prodotti kummerċjalizzati globalment, abbażi ta' standards tal-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC). Ir-regolazzjoni tagħhom fuq livell nazzjonali tkun inqas effiċjenti u effettiva, u ta' piż mhux ġustifikat għall-manifatturi u l-importaturi, u b'hekk effettivament timmina l-moviment liberu tal-prodotti. Għalhekk, din l-għażla ma hi mixtieqa minn ebda parti kkonċernata. Li dawn il-prodotti jkomplu jiġu regolati fil-livell tal-UE huwa meħtieġ biex jinżamm suq uniku li jiffunzjona, filwaqt li jingħata kontribut għall-oġġettivi ta' effiċjenza enerġetika u jiżdied l-iffrankar tal-enerġija għall-utenti aħħarin.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Minbarra x-xenarju ta' żamma tal-istatus quo (BAU), fejn l-UE ma tieħu l-ebda azzjoni, ġew ikkunsidrati ħames għażliet ta' politika oħrajn:

1. Ftehim volontarju mill-industrija;
2. It-tikkettar tal-enerġija, li għandu jtejjeb it-trasferiment ta' informazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika lill-konsumaturi;
3. Ix-xenarju ECO1 b'regolament dwar il-muturi aġġornat, fejn il-prodotti koperti mill-kamp ta' applikazzjoni attwali jibqgħu l-istess iżda l-miri tal-effiċjenza jiġu stabbiliti f'livell ogħla.
4. Ix-xenarju ECO2, li huwa simili għax-xenarju ECO1, iżda l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi estiż biex jinkludi muturi akbar u xi muturi esklużi fir-regolament attwali (muturi single-phase, muturi bi tmien poli u diversi muturi għal użu speċjali). Barra minn hekk, is-sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli (VSDs) li jintużaw mal-muturi jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni.
5. Ix-xenarju ECO3, li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tax-xenarju ECO2 għal muturi iżgħar.

L-industrija ma ppreżentat ebda proposta għal ftehim volontarju u huma verament f'it il-konsumaturi privati, li għalihom hija mfassla t-tikketta tal-enerġija, li fil-fatt jixtru muturi. Għalhekk, l-ewwel żewġ għażliet ġew skartati minn analiżi ulterjuri. Mill-għażliet li jifdal (BAU, ECO1, ECO2, ECO3) l-għażla ppreferuta hija ECO3, għaliex din tagħti l-ogħla ffrankar mill-aspett ambjentali, telimina l-lakuni previsti kollha, tikseb l-akbar vantaġġi ekonomiċi għall-konsumaturi, tħalli l-akbar impatt pożittiv fuq l-impjiegi, u tgħolli l-livell tar-rekwiżiti tal-effiċjenza għal livell

aktar xieraq f'konformità mat-tendenzi regolatorji internazzjonali.

Liema għażla u min jappoġġaha?

L-aġġornament tar-regolament dwar il-muturi rċieva appoġġ wiesa' mill-partijiet ikkonċernati rappreżentati fil-Forum Konsultattiv dwar l-Ekodisinn. Iż-żewġ għażliet ECO2 u ECO3, it-tnejn jipprovdu eżitu bilanċjat tal-fehmiet xi kultant diverġenti tad-diversi segmenti tal-industrija, tal-NGOs u tal-Istati Membri. B'mod partikolari fir-rigward tax-xenarji applikabbli għall-muturi iżgħar, muturi single-phase u muturi bi 8 poli, il-partijiet ikkonċernati industrijali esprimew tħassib dwar id-diffikultajiet ekonomiċi potenzjali għall-kumpaniji iżgħar, filwaqt li l-NGOs appoġġaw b'mod attiv l-inklużjoni tagħhom. Il-konsiderazzjoni ta' aktar iffrankar tal-enerġija u tal-vantaġġi ambjentali assoċjati, u benefiċċji akbar għall-utenti finali, inklużi l-unitajiet domestiċi u l-industrija, twassal għall-konklużjoni li ECO3, li jipproduċi l-ogħla impatt, huwa x-xenarju l-aktar attraenti, sakemm l-industrija tingħata biżżejjed ħin biex tadatta ruħha. Huwa għalhekk li qed tiġi proposta implimentazzjoni gradwali. Ġiet diskussa wkoll il-kwistjoni ta' muturi fi prodotti finali, li huma stess diġà regolati permezz tar-rekwiżiti tal-ekodisinn. Minn naħa, il-produtturi ta' prodotti finali li l-effiċjenza tal-mutur tagħhom hija importanti biex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-prodott finali (fannijiet, pompi, kumpressuri, unitajiet ta' ventilazzjoni, eċċ.) iqisu r-rekwiżiti dwar il-muturi bħala essenzjali. Min-naħa l-oħra, il-manifatturi ta' prodotti finali li l-preżenza ta' komponenti effiċjenti mhix kritika għalihom, x'aktarx li jkollhom fehma differenti u jemmnu li hemm modi irħas kif jikkonformaw ma' rekwiżiti għall-prodotti tagħhom u huma kontra l-prattika fejn kemm il-komponenti kif ukoll il-prodotti finali jkunu regolati. Madankollu, l-introduzzjoni ta' din it-tip ta' eżenzjoni tista' toħloq lakuni u inċertezza legali konsiderevoli għall-manifatturi jew importaturi tal-muturi, u tostakola serjament is-sorveljanza tas-suq. Din l-eżenzjoni tnaqqas il-benefiċċji f'segmenti oħra tal-katina tal-valur miżjud, kif ukoll għall-utenti tal-muturi. Għal dawn ir-raġunijiet, l-esklużjoni tal-muturi fi prodotti finali mhijiex meqjusa bħala l-għażla preferuta.

C. Impatti tal-għażla preferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-Valutazzjoni tal-Impatt turi li l-għażla ta' regolament dwar il-muturi aġġornat flimkien max-xenarju ECO3 tista' tikseb iffrankar nett ta' enerġija elettrika ta' 10 TWh/sena, u tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' sa 3 Mton CO₂eq/sena. Il-fatturat tan-negozju għall-manifatturi, għall-kummerċjanti u għall-installaturi se jiżdied b'sa EUR 0.6 biljun, u dan jissarraf f'sa 10 000 impjeg addizzjonali sal-2030 meta mqabbel max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo (BAU). L-eżitu hu pożittiv ukoll fejn tidħol l-affordabbiltà: anke l-utenti tal-muturi, inklużi l-unitajiet domestiċi u l-industrija, jibbenefikaw mill-miżura proposta, permezz ta' ffrankar monetarju annwali li fl-2030 mistenni jammonta għal EUR 1.3 biljun. Benefiċċji oħra jinkludu t-titjib tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE u l-impatt pożittiv fuq is-saħħa assoċjat mat-tnaqqis fil-ġenerazzjoni tal-elettriku.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-SMEs li jużaw il-muturi fl-attivitàjiet tagħhom se jibbenefikaw mir-regolament il-ġdid permezz ta' kostijiet aktar baxxi tul il-ħajja tal-muturi. L-SMEs attivi fis-settur tal-muturi bħall-bejjiegħa/importaturi, jew fis-settur tal-personalizzazzjoni, tal-installazzjoni u tal-manutenzjoni tal-muturi se jibbenefikaw mir-regolament il-ġdid permezz ta' dħul kummerċjali akbar. Ftit huma l-SMEs li jipproduċu muturi elettriċi koperti mill-kamp ta' applikazzjoni attwali, iżda l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal ċerti tipi ta' muturi, prevista fix-xenarji ECO2 jew ECO3, se tkun tinvolvi għadd ikbar ta' SMEs li huma direttament attivi fil-produzzjoni tal-muturi. Kif intqal hawn fuq, il-partijiet ikkonċernati indikaw li l-kumpaniji iżgħar jistgħu jaffaċċjaw diffikultajiet meta jiġu biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa, bir-riskju li l-produzzjoni tagħhom tista' tieqaf. L-impatt fuq l-SMEs jeħtieġ li jiġi kkunsidrat tul il-katina kollha tal-valur miżjud, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji għas-segmenti tal-kummerċ, tal-personalizzazzjoni, tal-installazzjoni u tal-manutenzjoni tal-muturi, kif ukoll għall-utenti ta-muturi, li jikkumpensaw għad-diffikultajiet għal ċerti segmenti speċifiċi tas-suq. Dan iwassal għall-konklużjoni li x-xenarju ECO3 jista' jkun għażla vantaġġuża għall-SMEs. L-effett globali fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE huwa pożittiv. Minħabba li għandha sehem relattivament għoli mill-esportazzjonijiet, l-industrija tas-sistemi tal-muturi tal-UE hija mexxejja dinjija fis-settur tagħha. L-eżistenza ta' rekwiżiti xierqa u aġġornati tal-effiċjenza fis-suq domestiku tagħhom hija għalhekk vantaġġ importanti u tikkumpensa għall-inkonvenjenza eventwali li l-industrija jkollha taffaċċja biex tikkonforma mar-regoli l-ġodda.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Il-forma tal-leġiżlazzjoni hi Regolament li japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Dan jiżgura li l-amministrazzjonijiet nazzjonali ma jġarrbux kostijiet marbuta mat-traspożizzjoni. Huwa diffiċli biex jiġu stmati l-kostijiet amministrattivi marbuta mal-infurzar tal-miżura. L-awtoritajiet tal-Istati Membri diġà jivverifikaw il-konformità tal-muturi mar-regolament attwali dwar il-muturi, u għalhekk it-tagħmir u r-riżorsi fil-parti l-kbira diġà jeżistu. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni żżid l-ambitu tal-attivitàjiet ta' sorveljanza, bħal għal kwalunkwe

regolament tal-ekodisinn, iżda ma toħloqx sfidi speċifiċi. Għall-kuntrarju, ir-Regolament propost jindirizza diversi problemi li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-kuntest tar-regolament attwali.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Mhux mistenni li jkun hemm impatti negattivi fuq il-funzjonalità, is-saħħa, is-sikurezza, l-ambjent jew l-affordabbiltà.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Ir-regolament dwar il-muturi rivedut għandu jiġi rieżaminat sal-2024 fid-dawl tal-kisbiet tiegħu, tal-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tiegħu, tal-iżviluppi internazzjonali u tal-progress teknoloġiku.